



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 40/24

il-Lussemburgu, 5 ta' Marzu 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-234/21 | Défense Active des Amateurs d'Armes *et*

Projbizzjoni ta' armi semiawtomatiċi: l-Istati Membri li jixtiequ jżommu awtorizzazzjonijiet antiki għal dawn l-armi jistgħu jipprevedu dan ukoll fir-rigward ta' dawk l-armi kkonvertiti għall-isparar inbjank

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, xejn ma jipprekludi lill-Istati Membri milli jipprevedu li d-detenturi ta' armi tan-nar semiawtomatiċi kkonvertiti għall-isparar inbjank ikunu jistgħu jibbenefikaw minn sistema tranżitorja, wara li jkunu ġew ipprojbti, meta tali sistema tiġi introdotta għad-detenturi dawk l-armi li jkunu jistgħu jisparaw munizzjoni reali. L-għan li tiġi żgurata s-sigurtà pubblika taċ-ċittadini tal-Unjoni ma huwiex ippreġudikat mill-fatt li d-detenturi tal-armi hekk ikkonvertiti jkunu jistgħu wkoll jibbenefikaw miż-żamma ta' awtorizzazzjonijiet diġà mogħtija.

Teżisti tilwima bejn, minn naħa, l-assoċjazzjoni Défense Active des Amateurs d'Armes ASBL (DAAA) flimkien ma' żewġ ċittadini Belġjani u, min-naħa l-oħra, il-Conseil des ministres (il-Kunsill tal-Ministri, il-Belġju), dwar ir-riforma tal-liġi dwar l-armi li daħlet fis-seħħ fl-2019¹. Bis-saħħa ta' din il-liġi, ċerti tipi ta' armi semiawtomatiċi kkonvertiti għall-isparar inbjank li kienu qed jinbiegħu liberament fil-Belġju sal-bidu ta' Ġunju 2019, ġew ipprojbti. Minn dak iż-żmien 'il hawn, id-detenturi ta' dan it-tip ta' armi ma għadx għandhom l-għażla li jżommuhom peress li saru proprjetarji ta' arma pprojbta. Min-naħa l-oħra, il-proprjetarji ta' armi tan-nar semiawtomatiċi awtentiċi (mhux ikkonvertiti u għalhekk fi stat li jisparaw munizzjoni reali) li jkunu nixxaw u ġew irreġistrati legalment qabel it-13 ta' Ġunju 2017 jibbenefikaw minn sistema tranżitorja li tippermettilhom li jżommuhom.

Skont DAAA, din is-sitwazzjoni twassal għal differenza fit-trattament bejn il-persuni li għandhom arma li taqa' taħt dawn iż-żewġ kategoriji u d-direttiva tal-Unjoni li r-riforma Belġjana kienet intiża li tittrasponi² tikser b'mod partikolari d-dritt għall-proprjetà kif ukoll il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' nondiskriminazzjoni u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. Adita bil-kawża, il-Qorti Kostituzzjonali Belġjana staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, billi ma tawtorizzax lill-Istati Membri jipprevedu sistema tranżitorja favur persuni li jkunu akkwistaw u rreġistraw legalment qabel it-13 ta' Ġunju 2017 arma tan-nar semiawtomatika li tkun ġiet ikkonvertita sabiex tintuża biss għall-isparar inbjank, id-dispożizzjoni rilevanti tad-direttiva hijiex invalida.

Komposta b'ħala Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma l-validità tad-dispożizzjoni inkwistjoni, li la tikser id-dritt għall-proprjetà u lanqas il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' nondiskriminazzjoni u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

Fil-fatt, din id-dispożizzjoni, kuntrarjament għall-premessa adottata minn DAAA, tawtorizza fir-realtà lill-Istati Membri jżommu awtorizzazzjonijiet antiki għall-armi tan-nar semiawtomatiċi kkonċernati kollha, inklużi dawk ikkonvertiti sabiex jintużaw biss għall-isparar inbjank. Hija l-Qorti Kostituzzjonali Belġjana li għandha tislet il-konsegwenzi minn din il-konstatazzjoni fir-rigward tal-eżami tal-validità tal-esklużjoni ta' tali armi mis-sistema tranżitorja stabbilita mil-leġislatur Belġjan, li hija mitluba tagħmel.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa

quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sommarju](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq ["Europe by Satellite"](#) ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Il-parti l-kbira tad-dispożizzjonijiet ta' din ir-riforma tikkostitwixxi t-traspożizzjoni parzjali tad-[Direttiva \(UE\) 2017/853](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi. Fil-frattemp, din tal-aħħar tħassret u ġiet issostitwita bid-[Direttiva \(UE\) 2021/555](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021, dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi.

² Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.